RODERICK PACE

# IL-COMICS U L-FILMS ISPIRAWH BIEX ISIR ARTIST FL-ARTI DIĠITALI

Kitba ta' **RAMONA PORTELLI**



**L-arti minnha nnifisha hija *xi ħaġa li jew tolqtok jew le.* Hawn ħafna li jħarsu lejha minn perspettiva unika, filwaqt li hawn oħrajn li forsi ma tantx japprezzawha biżżejjed.**

Dan l-aħħar sirt naf b'individwu li llum huwa artist, li ispira ruħu mill-comics u l-films. Qed nirreferi għall-artist fl-Arti Diġitali - Roderick Pace.

Għandu 30 sena, mill-Mellieħa u jaħdem bħala graphic designer. Għandu għal qalbu l-arti diġitali, il-qari tal-comics, films, kollezzjonist tal-figuri tal-comics u films u t-tisjir. Iħobb josserva ħafna l-affarijiet u n-nies ta' madwaru, għall-fatt li l-arti speċjalment il-cartoons, iġġiegħlu jara kollox mill-aspett umoristiku, id-difetti u anke s-sbuħija.

Roderick minn dejjem kien dilettant tal-comics u l-films, tant li ispirawh sabiex jaħdem bħala illustrator. Ħallejt f'idejh sabiex jelabora aktar dwar din in-namra tiegħu. "In-namra tiegħi bdiet minn età żgħira, fejn flimkien mal-familja tiegħi minn dejjem konna dilettanti taċ-ċinema, speċjalment films tal-biża' fosthom; Halloween(1978), The Nightmare on Elm Street (1984) u riċentement il-films tal-univers ta' The Conjuring (2013 - ). Apparti minn dawn dejjem kelli mħabba infinita għall-films ta' Star Wars u tas-superheroes fejn għadni s'issa ma nkunx nista nara xi ħaġa tagħhom li ma nakkwistahiex. Fi tfuliti fid-disgħiniet, Scooby Doo, Looney Tunes u Tom & Jerry kienu l-qofol ta' ispirazzjoni biex bdejt inpinġi l-cartoons, li kompliet tikber bil-mod il-mod sal-ġurnata ta' llum," beda jirrakkontali.

**Bil-prattika stess żviluppa iktar teknikament**

Mistoqsi fejn żviluppa t-talenti tiegħu u fejn tgħallem, Roderick stqarr miegħi li meta kellu 14-il sena kien daħal l-iskola tal-arti ġewwa l-Belt Valletta għall-Fine Arts fejn żviluppa iktar it-teknika ta' tpinġija tradizzjonali: still life drawing u anke l-figura bil-lapes, linka u bl-acrylic, fejn iktar tgħallem fuq l-aspett ta' dwal u riflessjonijiet, l-użu tal-kuluri, perspettiva u l-istorja tal-arti. "Iktar ma bdejt nara cartoons u tutorials fuq l-internet, iktar bdejt nipprattika u bil-prattika stess li żviluppajt iktar teknikament."

Mistoqsi jekk it-tpinġija saritx ħajtu u l-ħobża ta' kuljum tiegħu, Roderick weġibni: "Dan huwa passatemp li nagħmel wara l-ħin tax-xogħol, u għadni qed niżviluppa t-talent tiegħi fil-ħin liberu tiegħi. Bħala xogħol naħdem bħala graphic designer u huwa xogħol kompletament differenti. Ġieli jkun hemm xogħol li t-tpinġija tgħin speċjalment fejn jiġi pjanat logo jew anke saħansitra użu ta' cartoon/tpinġija ta' karattru għax-xogħol innifsu."

Rigward is-sodisfazzjon personali li tagħtih l-arti, Roderick stqarr miegħi li meta jara biċċa xogħol, iħares lejha u jaħseb u jħewden kif saret u nbniet mill-ewwel sal-aħħar daqqa li għamel l-artist innifsu. Il-kompożizzjoni ta' kif ġiet imqassma jew aħjar pjanata wkoll.

**Joħloq u jipprattika l-karikaturi**

Dan l-aħħar sirt naf li qed jiffoka u jispeċjalizza fuq arti unika. Ħallejt f'idejh sabiex jelabora aktar dwar dan u għaliex fuq kollox għażel

> **"Dan huwa passatemp li nagħmel wara l-ħin tax-xogħol, u għadni qed niżviluppa t-talent tiegħi fil-ħin liberu tiegħi. Bħala xogħol naħdem bħala graphic designer u huwa xogħol kompletament differenti. Ġieli jkun hemm xogħol li t-tpinġija tgħin speċjalment fejn jiġi pjanat logo jew anke saħansitra użu ta' cartoon/tpinġija ta' karattru għax-xogħol innifsu**





din it-tip. "Kont ilni ngħid ser nibda nipprattika l-karikaturi, imma dejjem żammejt lura. L-iktar minħabba li mhux faċli għax meta tagħmel karikatura trid tħares lejn dik il-persuna fir-ritratt u trid ixxebbaha kemm tista', iżda fl-istess ħin trid tesaġera l-fattizzi ta' dak li jkun... kemm dawk li mhux daqshekk kuntenti bihom u anke dawk tajbin," żvela miegħi.

Mistoqsi x'mezzi normalment juża sabiex ipinġi, Roderick stqarr miegħi li qabel kien juża l-lapes u l-linka sewda għad-disinn u markers professjonali għall-kulur. Illum il-ġurnata jpinġi kważi kollox diġitali.

Qabel ma mort għal din l-intervista, kont naf ukoll li jiffoka fuq diġital illustrations. Fi kliem ieħor dawn huma tpinġijiet li jsiru bl-użu tat-teknoloġija, fosthom drawing screen tablet u pinna apposta għat-tablet stess.

Mistoqsi jekk jaħsibx li hawn Malta hawn fejn jimraħ biżżejjed fuq il-linja tiegħu, Roderick weġibni: "Ma naħsibx li hawn biżżejjed opportunitajiet fejn tidħol din it-tip ta' arti, speċjalment il-karikatura."

**L-arti qed tikber iktar permezz tal-midja soċjali**

Staqsejtu wkoll jekk minn dak li jinnota b'mod ġenerali, kemm qed tiġi apprezzata arti bħal tiegħu lokalment. "Bil-mod il-mod qed tikber iktar permezz tal-midja soċjali. Riċentement produċejt karikaturi għall-programm televiżiv *L-Erbgħa Fost il-Ġimgħa* fosthom tal-Prim Ministru Robert Abela."

Fl-aħħar ta' din l-intervista, stedintu jgħaddi messaġġ personali lill-qarrejja ta' din il-gazzetta. "Min hu interessat f'din l-arti, ma jiddejjaq xejn milli jipprattika u jsegwi iktar cartoons. Barra minn Malta, hawn opportunitajiet kbar u bil-mod qed jikbru wkoll lokalment. L-industrija tal-cartoons u l-comics qed tikber immens ma' kull ġurnata. Lokalment issir il-Malta Comic Con darba fis-sena, fejn ilha tiġi ċċelebrata tul dawn l-aħħar 12-il sena. Apparti minn hekk, il-kritika hija kollox, titgħallem iktar u tagħraf x'jista' jitranġa f'xogħlok stess," temm jgħid Roderick.

